MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 167/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Jomic Calleja**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn l-10 u l-11 t'April, 2004, u matul l-ahhar l-erba' xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, go Gianpula limiti tar-Rabat u fi bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti :**
**1) biegh jew offra li jbiegh droga ristretta u psikotropika (ecstasy), kontenenti, s-sustanza**

**(methlenedioxyamphetamine) li hija kkontrollata w ristretta bil-ligi taht it-tielet skeda, parti (a) tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija ligi, sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza;**

**2) ukoll fl-istess zmien data w cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta w psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40(A) u 120(A) u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu;**

**3) ukoll fl-istess zmien, data w cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta w psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40(A) u 120(A) u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat;**

**4) ukoll kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza w dan bi ksur ta' l-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**5) ukoll biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza;**

**6) ukoll kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w meta ma kienx b'xi**

**mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli ta’ l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ Lulju, 2004, li biha wara li rat l-Artikoli 17(h) tal-Kap. 9, l-Artikoli 120A(1)(a), 120A (1B), 120(A)(2)(b)(I), u t-Tielet Skeda Parti A tal-Kap. 31, ir-regolament 5(1) ta’ l-Avviz Legali 22 ta’ l-1985 kif emendat, l-Artikolu 40A u 129A(1)(a) u t-Tielet Skeda ta’ l-Ordinanza Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat, l-Artikolu 120A(2)(b)(I) ta’ l-istess Kap. 31, it-Taqsima 4 u 6, l-Artikolu 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 u r-regolament 8 tal-GN 292/1939, sabet lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet maghmula kontrih u kkundannatu ghal piena ta’ wiehed u ghoxrin (21) xahar habs u multa ta’ sitt mitt lira Maltija (LM600). Mill-piena kellu jitnaqqas iz-zmien kollu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv.
Il-multa setghet tithallas b’rati mensili ta’ Lm30 fix-xahar bl-ewwel pagament isir fl-ahhar gimgha t’Ottubru, 2004 u jekk din il-multa jew parti minnha ma tithallasx allura l-ammont mhux imhallas jinbidel f’piena karcerarja ta’ jum ghal kull hames liri mhux imhallsa.

Il-Qorti ghal kull buon fini ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht id-direzzjoni tar-Registratur tal-Qrati.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-6 t’Awissu, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabitu hati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu, u thassaraha w tikkancellaha fil-bqija in kwantu jikkoncerna l-piena w minflok tinfliggi piena aktar gusta w idoneja ghal kaz inkluz li tvarja l-ordni ta’ konversjoni tal-multa maghmul mill-Ewwel Qorti.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti w cioe' :- 1. illi l-piena inflitta mill-ewwel Qorti kienet wahda gravuza w eccessiva w li ma taghmilx tajjeb ghall-fatti partikolari tal-kaz u 2. illi l-Ewwel Qorti ghamlet *error judicis* fl-ordni tal-konversjoni tal-multa fi prigunerija ghax fil-waqt li kif ordnat dik il-Qorti il-multa, jekk ma tithallasx ser tigi konvertita f' mija w ghoxrin gurnata prigunerija, skond il-Kap.9 ebda periodu ta' prigunerija b'rizultat ta' konversjoni ta' multa m'ghandu jkun in eccess ta' tlitt xhur prigunerija (90 gurnata), jekk il-multa ma tkunx aktar minn elfejn lira Maltija;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti ;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dan hu appell limitat ghall-piena inflitta fuq l-appellant mill-Ewwel Qorti ;**

**Illi f'kull kaz il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999] ,** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003]** "Il-Pulizija vs. Keith Rizzo**"** **[4.9.2004] u ohrajn.).**

F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi . fejn anki jekk jigi injorat l-effett tal-konkors tal-pieni , skond l-artikolu 17 (b) , l-piena massima ghal tlieta mir-reati inividwali li taghhom hu ammetta l-htija w nstab hati hija ghaxar snin prigunerija w multa ta' mhux izjed minn hamest elef lira. S'intendi bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 (b) umbaghad il-massimu jitla' hafna izjed minn hekk.

Illi l-argument mibni fuq l-ammissjoni bikrija ma jreggix fl-ewwel lok ghax kif jghid Il-BLACKSTONE **“Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (*Morris* [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; *Landy* [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908 )”;**
Dan hu proprju l-kaz ghax l–appellant inqabad fil-fatt .

**Fit-tieni lok ghax f’ kull kaz il-piena inflitta hija ferm u ferm inqas mit-terz tal-piena massima li setghet tigi nflitta fuq l-appellant ghall-reat wiehed biss minn dawk minnu ammessi u “multo magis” bl-applikazzjoni tal-konkors tal-pieni skond l-artikolu 17(b). F’kull kaz dan il-fattur ittiehed in konsiderazzjoni wkoll mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata.**

**Illi din il-Qorti hija sodisfatta li meta l-Ewwel Qorti applikat il-piena pjuttost miti ta’ wiehed u ghoxrin xahar prigunerija, li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-appellant lahaq ghamel taht arrest preventiv, bil-fors li hadet in konsiderazzjoni l-eta’ w l-kondotta precedenti tal-appellant .**

**Illi umbaghad l-isfortuna fil-hajja w fit-trobbija tal-appellant mhux passaport biex hu jiddissemina l-herba fost zaghzagh ohra billi jittraffika d-droga ghal skopiijiet ta’ profit . Dan il-punt gie trattat specifikatament fis-sentenza appellata u din il-Qorti ma tistax ma taqbilx ma l-Ewwel Qorti fl-apprezzament taghha dwar dan il-generu ta’ skuzanti li ta’ spiss jingiebu quddiem il-Qrati.**

**L-Ewwel Qorti qieset ukoll il-beneficcju moghti bl-artikolu 29 tal-Kap.101 u l-artikolu 120A(2B) tal-Kap.31 tal-Ligijiet ta’ Malta meta tat is-sentenza appellata w dan jispjega l-piena diga miti li hu gie sentenzjat ghaliha.**

**Ghalhekk l-ewwel aggravju qed jigi respint.**

**Illi dwar it-tieni aggravju tieghu l-appellant jissottometti li bil-konversjoni bir-rata ta' jum prigunerija ghall-kull hames liri multa, jigi li l-appellant ikollu jservi mija w ghoxrin jum ohra prigunerija jekk il-multa ma tithallasx fiz-zmien stipulat (LM600 diviza b' LM5) . Jghid ukoll – bla ma jiccita l-artikolu relattiv – li skond il-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta , ebda periodu ta' prigunerija b'rizultat ta' konversjoni ta' multa m' ghandu jkun in eccess ta' tlitt xhur prigunerija jekk il-multa ma tkunx aktar minn elfejn lira Maltin (LM2000). Jidher pero' li l-appellant ibbaza din is-sottomissjoni tieghu fuq il-ligi kif kienet sal-emendi li kienu saru bl-Att XXXIII tal-1972 u ma hax in konsiderazzjoni emendi sussegwenti , partikolarment dawk li saru bl-Att III tal-2002 , li huma applikabbli ghall-kaz odjern stante li r-reati ammessi saru fl-10 t' April, 2004 u l-erba xhur ta' qabel.**

**Kieku mexa fuq il-ligi kif emendata l-appellant kien mall-ewwel jintebah li l-proviso ghall-artikolu 11 tal-Kap.9 jiddisponi li l-prigunerija minnflok il-multa m'ghandhiex tiskorri z-zmien ta' <u>sitt xhur</u> (sottolinear tal-Qorti) jekk il-multa ma tkunx aktar minn elfejn lira w mhux tlitt xhur kif kienet qabel. Ghalhekk dan l-aggravju bazat fuq ligi li m'ghadhiex applikabbli ghax sussegwentement giet emendata huwa manifestament infondat u jirrazenta l-appell fieragh.**

**Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------